MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-18 ta' April, 2007

Numru. 98/2007

PULIZIJA
SPETTUR JESMOND BORG
VS
ROSINA ATTARD

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Rosina Attard, ta’ 37 sena, bint il-mejjet Domenic Attard u Mary nee’ Schembri, imwielda Pieta’ fis-17 ta’ Settembru 1969, u residenti fil-fond Numru 133, Triq l-Arkata, Rahal Gdid, u detentrici tal-karta tal-identita’ bin-numru 0398869(M), u akkuzata talli nhar id-29 ta’ Novembru 2006, ghal habta tad-9.17 ta’ filghodu, ikkommettiet serq ta’ ‘cashlink card’ mill-ATM li tinsab installata mal-fergha tal-Bank of Valletta, fil-Pjazza Antoine De Paule, gewwa Rahal Gdid, ghad-dannu ta’ Vladimir Paul Zammit, minn Santa Lucija, u persuni ohra, u liema serq hu kkwalifikat bil-lok, u dana bi ksur tal-Artikolu 269 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Akkuzata wkoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkommettiet is-serq ta' mitt Lira Maltin (Lm100) fi flus mill-ATM li tinsab installata mal-fergha tal-Bank of Valletta, fil-Pjazza Antoine De Paule, gewwa Rahal Gdid, ghad-dannu ta' Vladimir Paul Zammit, minn Santa Lucija, u persuni ohra, u liema serq hu kkwalifikat bil-lok, u dan bi ksur tal-Artikolu 269 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 9) u tal-imputata (a fol 5) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata (a fol 4).

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputata tirripensa ruhha.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghha, il-Qorti ssib lill-imputata hatja skond l-akkuzi, u wara li rat l-Artikoli 261, 269 u 279 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u Artikolu 22 tal-Kap 446, tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena. Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputata, il-fatt li hija 'a first offender', l-eta' tal-imputata u l-fatt illi r-resfurtiva giet kollha ritornata lil sidha fil-mertu ta' din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------